II

(Atti mhux leġiżlattivi)

FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2021/2123

tal-11 ta' Novembru 2021

dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim ta' Sħubija fil-qasam tas-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Iżlamika tal-Mauritania kif ukoll tal-Protokoll ta' Implimentazzjoni tiegħu

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(2) tiegħu, flimkien mal-Artikolu 218(5),

wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Ftehim ta' Sħubija fil-qasam tas-Sajd Sostenibbli bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika iżlamika tal-Mauritania (minn hawn 'il quddiem "il-Mauritania"), approvat permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1801/2006 ([1]), ġie applikat b'mod provviżorju mit-8 ta' Awwissu 2008. Il-Protokoll tiegħu li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti minn dan il-Ftehim, li ġie applikat b'mod provviżorju mill-istess jum, ġie sostitwit diversi drabi.

(2) Il- Protokoll tal-Ftehim fis-seħħ bħalissa jiskadi fil-15 ta' Novembru 2021.

(3) Fit-8 ta' Lulju 2019, il-Kunsill adotta deċiżjoni li tawtorizza lill-Kummissjoni biex tiftaħ negozjati mal-Mauritania sabiex jiġi konkluż ftehim ta' sħubija ġdid fil-qasam tas-sajd sostenibbli kif ukoll protokoll ġdid li jimplimenta dak il-ftehim.

(4) Bejn Settembru 2019 u Lulju 2021, twettqu tmien ċikli ta' negozjati mal-Mauritania. Dawn in-negozjati ġew finalizzati u l-Ftehim ta' Sħubija fil-qasam tas-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Iżlamika tal-Mauritania (minn hawn 'il quddiem "il-Ftehim ta' Sħubija") u l-Protokoll ta' Implimentazzjoni tiegħu (minn hawn 'il quddiem "Protokoll") ġew inizjalati fit-28 ta' Lulju 2021.

(5) L-objettivi tal-Ftehim ta' Sħubija u tal-Protokoll huma li jippermettu lill-bastimenti tal-Unjoni li jeżerċitaw l-attivitajiet tas-sajd fl-ilmijiet tal-Mauritania u li jippermettu lill-Unjoni u lill-Mauritania li jikkollaboraw mill-qrib biex ikomplu jippromwovu l-iżvilupp ta' politika tas-sajd sostenibbli u sfruttament responsabbli tar-riżorsi tas-sajd fiż-żona tas-sajd tal-Mauritania u fl-Oċean Atlantiku, f'konformità mal-objettiv ta' konservazzjoni tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar rikonoxxut mil-liġi tal-Unjoni. Din il-kooperazzjoni tikkontribwixxi wkoll għall-ħolqien ta' kondizzjonijiet tax-xogħol diċenti fis-settur tas-sajd.

(6) Jenħtieġ li l-Ftehim ta' Sħubija u l-Protokoll jiġu ffirmati.

([1]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1801/2006 tat-30 ta' Novembru 2006 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Iżlamika tal-Mawritanja (ĠU L 343, 8.12.2006, p. 1).

(7) Il-Ftehim ta' Sħubija u l-Protokoll jenħtieġ li jidħlu fis-seħħ malajr kemm jista' jkun minħabba l-importanza ekonomika tal-attivitajiet tas-sajd tal-Unjoni fiż-żona tas-sajd tal-Mauritania u l-ħtieġa li jitnaqqas, jew li kemm jista' jkun jiġi evitat, iż-żmien li dawk l-attivitajiet idumu interrotti, fejn rilevanti.

(8) Jenħtieġ li l-Ftehim ta' Sħubija u l-Protokoll jiġu applikati b'mod provviżorju, sakemm jitlestew il-proċeduri meħtieġa għad-dħul fis-seħħ tagħhom.

(9) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* ġie kkonsultat f'konformità mal-Artikolu 42 tar-Regolament (UE) 2018/1725 ([2]) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u ta opinjoni fl-14 ta' Ottubru 2021,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-iffirmar, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim ta' Sħubijafil-qasam tas-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Iżlamika tal-Mauritania u tal-Protokoll ta' Implimentazzjoni tiegħu huwa b'awtorizzat, soġġett għall-konklużjoni ta' dawk l-atti ([3]).

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat li jinnomina l-persuna jew persuni li jkollhom is-setgħa li jiffirmaw il-Ftehim ta' Sħubija u l-Protokoll f'isem l-Unjoni

Artikolu 3

Il-Ftehim ta' Sħubija u l-Protokoll għandhom jiġu applikati b'mod provviżorju, f'konformità mal-Artikoli 20 u 19 rispettivament, mill-jum tal-iffirmar tagħhom ([4]), sakemm jitlestew il-proċeduri meħtieġa għad-dħul fis-seħħ tagħhom.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Novembru 2021.

Għall-Kunsill
Il-President
Z. POČIVALŠEK

([2]) Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

([3]) Ara paġna 3 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

([4]) Id-data minn meta il-Ftehim ta' Sħubija u l-Protokoll ser jiġu applikati b'mod provviżorju ser tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.